MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Numru 29/2004

Il-Pulizija
(spettur Mario Bonello)
vs
Karl Joseph Xuereb
John Mark Xuerreb

Illum 27 ta' Gunju 2005

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzati u dan talli: A) fit-3 ta' Marzu 2004 u fix-xhur u l-granet ta' qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira san Guzepp Hamrun, fil-hanut Pizza Pritt:

1. Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.

2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.
3. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta' sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifika Dr John Bonnici Mallia MD.
4. Fil-21 ta' Marzu 2004 ghal habta tal-10.00pm fethu jew zammew il-fond 'Pizza Pritt' fi triq il-Kbira San Guzepp Hamrun minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti.
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta dik il-ligi.

B) Talli fid-9 ta' April 2004 ghal habta tal-11.10 pm u fil-15 ta' April 2004 ghal habta tal-10.00pm fil-fond Tgriq il-Kbira san Guzepp Hamrun:
1. Fethu jew zammew il-fond 'Pizza Pritt' fi triq il-Kbira San Guzepp Hamrun minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti.
2. Ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta dik il-ligi.
3. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.
4. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi lil girien.

C) Talli fl-14 ta' April 2004 ghal habta tal-11.00pm u fix-xhur u l-granet ta' qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira san Guzepp Hamrun, fil-hanut Pizza Pritt:
1. Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.
2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.
3. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta' sahha lil Roger u Lydia Aquilina

4. Fl-14 ta' April 2004 ghal habta tal-11.00pm fethu jew zammew il-fond 'Pizza Pritt' fi triq il-Kbira San Guzepp Hamrun minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti.
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta dik il-ligi
D) Talli fl-1 ta' Mejju 2004 ghal habta tal-10.00pm u fix-xhur u granet ta' qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira san Guzepp Hamrun, fil-hanut Pizza Pritt:
1. Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.
2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.
3. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta' sahha lil Roger u Lydia Aquilina
4. Fl-1 ta' Mejju 2004 ghal habta tal-10.00pm fethu jew zammew il-fond 'Pizza Pritt' fi triq il-Kbira San Guzepp Hamrun minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti.
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta dik il-ligi

E) Talli 8 ta' Mejju 2004 ghal habta tal-11.55 pm fil-fond 61, Triq il-Kbira san Guzepp Hamrun, fil-hanut Pizza Pritt:
1. Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.
2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.
3. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib permezz ta' rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta' sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifikat minn Dr John Bonnici Mallia MD.
4. Fl-1 ta' Mejju 2004 ghal habta tal-10.00pm fethu jew zammew il-fond 'Pizza Pritt' fi triq il-Kbira San Guzepp Hamrun minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta dik il-ligi

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' kundanna tordna li jitnehha l-inkonvenjent jew jesegwixxu l-ligi fi zmien stabbilit u fin-nuqqas jehlu piena ta' mhux izjed minn zewg liri maltin kulljum (LM2).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzati minn jeddhom u rat il-provi prodotti minnhom.

Rat id-digriet taghha tal-09 ta' Lulju 2004 u li bih gie nominat espert tekniku 'in materia', il-professur Alfred Vella kif ukoll rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi t-tlett citazzjonijiet in ezami ser jigu trattatti bhala kaz wiehed, trattasi tal-istess akkuzi fis-sustanza taghhom u sabiex l-istess akkuzati jkunu jistghu jibbenefikaw mill-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali "qua" reati kontinwati li jirreferu, bazikament, ghall-istess fatti maghmulin f'perjodi differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonjiet tal-ligi. Ghalhekk minhabba dak premess ser tinghata sentenza wahda.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi mill-provi prodotti jidher li l-akkuzati jiggestixxu stabbiliment kummercjali bl-isem ta' "Pizza Pritt" fi Triq il-Kbira, Hamrun. Skond kif xehedet il-Prokuratur Legali Louise Tufigno, in rappresentanza tal-Aworita Maltija tat-Turismu, kienet saret <u>applikazzjoni</u> sabiex tinhareg il-licenzja bhala 'take away' fl-15 ta' Lulju 2002 izda l-

licenzja kienet inharget fit-2 ta' Gunju 2004, cioe wara d-dati specifikati fl-akkuzi in ezami.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-annessa kwerela, iffirmata mid-difensur tal-partijiet civili u li ggib id-data tas-26 ta' Marzu 2004, l-istess partijiet civili kienu lmentaw dwar hsejjes qawwija, ksur tal-mistrieh tan-nies matul il-lejl, inkonvenjenti lin-nies residenti f'bini fil-qrib, minhabba rwejjah u li jgibu probelmi ta' sahha lill-istess partijiet civili u talli hadmu minghajr il-licenzja (ara wkoll l-annessi certifikati medici tat-tabib Dottor John Bonnici Mallia kif ukoll l-ittra bid-data tat-3 ta' April 2004 mibghuta mill-parti civili Roger Aquilina lil diversi awtoritajiet dwar l-istess ilmenti.

Ikkunsidrat

Illi wara li sar ir-rapport kif ukoll ohrajn sussegwenti, PS 768 Silvio Brincat kien mar fuq il-post fit-8 ta' Mejju 2004 matul il-lejl u meta dahal fir-residenza tal-kwerelanti hu kien innota li l-art, fil-kamra ts-sodda, kienet tahraq waqt li spjega li l-istess residenza u l-istabbiliment inkwistjoni jinsabu wiehed fuq l-iehor. In oltre kien hemm riha qawwija, kif ukoll hsejjes ta' nies. PS 1283 Carmelo Costa kien mar wkoll fl-istess lokalita fl-4, fid-9 u fil 15 ta' April 2004 ghall-habta tal-10.00pm u kien innota li kien hemm riha qawwija ta' ikel kif ukoll sema hoss ta' mutur oltre ta' 'extractor' tal-arja. Meta kien mar ukoll fil-11.10pm kien hemm nies fl-istess stabbiliment.

Ikkunsidrat

Illi l-parti civili Roger Aquilina specifika illi l-kamra tas-sodda fir-residenza tieghu tinsab immedjatament fuq l-istess stabbiliment fejn hemm sitwati erbat'ifran li jidhru minn barra. Skond hu l-post jibqa miftuh mill-11.00am sas-2.00pm u mis-6.00pm sa nofs il-lejl. Hu semma li l-istess post kien ilu li nfetah minn Jannar. Hu kompla biex jghid li bhala kawza tas-shana li tohrog mil-imsemmija fran, l-art fil-post tieghu tkun tikwi u b'hekk jkun hemm shana matul il-lejl. In oltre mill-istess post johorgu kemm irwejjah, li jkunu fid-dar kollha, kemm duhhan, kemm varji hsejjes. L-istess xhud li semma li l-post inkwistjoni kien

qabel jintuza bhala hanut tal-ghamara, eskluda li dan kollu seta kien kagunat minn stabbiliment iehor fil-vicinanzi. In rigward martu, Lydia Aquilina, din ukoll ikkonfermat dak li xehed zewgha (ara wkoll l-iskizz mhux skalat sottomess minn Roger Aquilina u li juri r-residenza tieghu kif ukoll l-istabbiliment in kwistjoni).

Illi pero ghandu jinghad li kif rizultanti mill-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Lulju 2004, Roger Aquilina kien esebixxa ritratt ‘downloaded’ minn ‘website’ li hi, allegatament, tal-imputati. Dwar dan ir-‘ritratt’ l-akkuzati oggezzjonaw ghalih, ghar-raguni hemm premess. Pero l-Qorti tara li l-istess ritratt gie ‘downloaded’ minn ‘website’ promozzjonali, vis-a vis l-istess stabbiliment u fin-nuqqas ta’ xi prova kuntrarja, ghandu jigi ammess bhala prova ta’ dak li hu muri minnu, ossija il-presenza ta’ forn fl-istess stabbiliment.

Ikkunsidrat
Illi da parti tal-akkuzati, oltre li xehedu huma stess, ipproducew lil AIC Chanelle Busuttil in rappresentanza tal-Awtorita Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (M.E.P.A.) kif ukoll lill-Dottor Michael Camilleri in rappresentanza tal-Awtorita Maltija dwar it-Turismu (M.T.A.) u dan sabiex jistabbilixxi li l-istabbiliment in kwistjoni jinsab kopert b’kull permess rikjest mill-ligi. Dwar dan jkun opportun illi jinghad illi l-ahhar xhud spjega illi l-istess stabbiliment kien kopert b’licenzja sa mill-1 ta’ Jannar 2004 ossija b’effett retrospettiv (“backdated”).

Ikkunsidrat

Illi kif inghad, matul dawn il-proceduri, gie sottomess rapport mill-espert tekniku, liema espert seta wkoll jirrakkomanda dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex is-sitwazzjoni in ezami setghet tigi rimedjata, trattasi ta’ post abitat minn tlett anzjani soprapost ghall-istess stabbiliment, liema anzjani, fosthom il-partijiet civili kienu qedin jigu sottoposti ghal ‘mental stress’ kif hemm indikat fic-certifkat mediku anness mal-atti u li jgib id-data tat-3 ta’ Gunju 2004. Mal-istess relazzjoni jidher illi wara li ttiehdu dawk il-passi kollha, is-sitwazzjoni tal-partijiet civili giet

ameljorata hafna. Pero xorta wahda ma gietx imnehhija ghal kollox. Di fatti, jidher mill-istess relazzjoni, illi l-post abitat mill-partijiet civili ghadu jkun sottopost ghal shana, irwejjah ta' ikel u hsejjes li qed joriginaw, kif kienu mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u fid-dati ndikati fl-akkuzi in ezami mill-istab-biliment in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi a bazi tal-premess u mill-provi prodotti jidher illi:
a) L-akkuzati qed jiggestixxu l-istabbiliment in kwisjtoni b'kull licenzja u permess rikjest mill-ligi, liema awtorizzazzjoni inharget b'effett retrospettiv u retroattiv mill-ewwel (1) ta' Jannar 2004. Konsegwentement, l-akkuzi kollha relatati ma' tali permess jew licenzja ma gewx pruvati.
b) Pero irrizutla wkoll illi l-paritjiet civili kienu ghadhom qed jigu sottoposti, anke jekk fi grad inqas, ghal hsejjes u rwejjah oltre ghal inkonvenjent addizzjonali kawzat minn shana u dan kollu ghad-dannu tal-partijiet civili u ghas-sahha taghhom.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti f'dawn il-kazijiet set taghti sentenza wahda trattasi ta' reati kontinwati skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzati mhux hatja tal-akkuzi li jirrigwardjaw nuqqas ta' licenzja tal-Awtorita kompetenti u tilliberahom minn dawn l-akkuzi, issib lill-akkuzati hatja talli fit-3 ta' Marzu 2004, fid-9 ta' April 2004, fl-14 ta' April 2004, fil-15 ta' April 2004, fl-1 ta' Mejju 2004 u fit-8 ta' Mejju 2004, u fix-xhur u l-granet ta' qabel fil-fond 61, Triq il-Kbira san Guzepp Hamrun, fil-hanut Pizza Pritt:
1. Fi triq, f'hanut jew f'post pubbliku iehor jew f'kull bini, gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detentur jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib.
2. Bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor.

3. Holqu inkonvenjent lin-nies li jkunu joqghodu f’bini fil-qrib permezz ta’ rwejjah liema rwejjah qed jikkawzaw problemi ta’ sahha lil Roger Aquilina u Stella Agius kif iccertifika Dr John Bonnici Mallia MD.
U dan skond l-artikolu 18 u 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 41 (1) (2) u 130 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, wara li l-Qorti kkunsidrat il-precitati artikoli kif ukoll ic-cirkostanzi kollha ta’ dawn il-kazijiet li qed jikkawzaw kemm danni, kemm inkonvenjent lill-partijiet civili, tara li ghandha timponi l-piena pekunjara skond il-ligi kif ukoll tapplika l-artikoli 377 (3) u 30 tal-istess Kapitolu 9.

Ghaldaqstant il-Qorti :
1. Tikkundanna lill-akkuzati ghal piena ta’ Lm50 (hamsin lira maltin) multa kull wiehed.
2. Tordna s-sospenzjoni ta’ kull licenzja moghtija favur l-akkuzati in konnessjoni mal-istabbiliment in kwistjoni ghal perjodu mid-data ta’ din is-sentenza sal-21 ta’ Settembru 2005.
3. Tordna lill-akuzati sabiex sal-21 ta’ Settembru 2005 inehhu kull inkonvenjent kif hawn fuq rizultanti, b’referenza ghal dak sottomess mill-imsemmi perit tekniku u dan taht penali ta’ LM2 (zewg liri maltin ) kulljum fin-nuqqas.

In oltre il-Qorti tordna li l-ispejjes kollha in konnessjoni ma’ nomina ta’ espert tekniku waqt dawn il-proceduri jithallsu mill-akkuzati lir-Registratur tal-Qorti u dan skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------